# FL-IXKORA TAL-POSTA

**Bħal kemm mitt sena ilu, il-vapur tal-Posta Taljan kien qed iġorr fuqu, ġo l-ixkejjer, dokument importanti mibgħut mis-Santa Sede, ndirizzat lil Mons. Karmenu Scicluna. Dan id-dokument, jew Bolla Pontifiċja, kien jgħarrfu uffiċjalment li l-Papa Piju IX kien ħatru Isqof ta' Malta u Arċisqof Titolari ta' Rodi.**

**Ħames jiem wara — kien is-Sibt — dik il-bolla nqrat lill-Kapitlu tal-Katidral, u Mons. Scicluna ħareġ ittra Pastorali li biha wiegħed li kien se jiddedika l-jiem li kien fadallu f'ħajtu (kellu ġa 74 sena) għall-ġid spiritwali u temporali tal-Maltin, li minnhom kien jistenna għajnuna xierqa u obbidjenza.**

## Minn Mons. Prof. A. Bonnici

Min kien l-Isqof Karmenu Scicluna? Kien bin Benedittu u Rużarja mwielda Vella. Twieled Ħal Qormi fit-2 t'Awissu 1800, għaliex il-ġenituri tiegħu, li kienu mill-Belt, marru joqogħdu hemm minħabba l-okkupazzjoni ta' Franċiżi.

Studja fis-Seminarju u fl-Università ta' Malta, mnejn ħa l-lawrja fit-Teoloġija. Qaddes ta' 24 sena u beda jgħallem id-duttrina fil-Knisja ta' Santa Barbra. Filwaqt li kien ukoll jieħu kura spiritwali tas-Sorijiet ta' S. Ursla. Maż-żmien intgħażel Gejtanu Pace Forno u Mon-Isqof F.S. Caruana. Laħaq Vigarju Generali tal-Isqof Gejtanu Pace Forno u Mons. sinjur tal-Kattidral.

Ta' kważi 75 sena, inħatar Isqof ta' Malta. Kos, kif inhi d-dinja! Illum, f'dik l-eta', l-Isqfijiet huma mitluba li jerħu l-kariga tagħhom!

### FERAĦ U TNIKKET

Matul il-veskovat tiegħu, Mons. Scicluna kellu ġrajjiet sew ta' ferħ, kif ukoll ta' niket. Fl-ewwel sena huwa bierek l-ewwel ġebla tal-belt il-ġdida f'l-Marsa li ssejħet Albert Town, b'tifkira ta' Prince Albert, il-maħbub raġel tar-Reġina Vittorja. It-tifel tal-istess Reġina, il-Prinċep Alfred, Duka ta' Edinburgh, flimkien ma' martu l-Grandukessa Marija Alessandrowna, bint il-Kzar Alessandru II, waslu hawn Malta, u hawn twielditilhom tarbija li huma semmew Vittorja Melita, għar-Reġina u għal Malta.

Għal din il-Prinċipessa ssemmiet it-telgħa li tieħu mill-Pietà għall-Bombi, li żmien ilu kienet tkun tant sabiħa fir-rebbiegħa b'dawk il-ħafna lwien ta' fjuri li l-Gvern kien jiżra max-xellug int u tielgħa. Mons. Scicluna bierek il-ferrovija li ġiet inawgurata fl-1883.

Fi żmienu wkoll reġa' nfetaħ il-Kulleġġ "Sant'Injazju" tal-Ġiżwiti f'San Ġiljan. Fost it-33 student tiegħu kien hemm it-tfajjel Caruana, li wara daħal Patri Benedittin u messitu x-xorti li jsir, maż-żmien, Arċisqof Isqof ta' Malta. Aħna nafuh bħala Dom Mawru Caruana. Fl-istess żmien ingħatat lill-Maltin il-Kostituzzjoni tal-1877, li fiha dehru żewġ politiċi kbar ta' Malta: Fortunat Mizzi u Gerald Strickland.

Qabel ma miet l-Isqof Scicluna, Malta ċċelebrat ferrieħa l-Ġublew Saċerdotali tal-Papa Ljun XIII, b'Te Deum solenni fil-Knisja ta' San Gwann. Għalih attenda l-Gvernatur Simmons u l-Militar spara 50 tir ta' kanun, bħala tislima u wirja ta' ferħ għall-okkażjoni.

Min-naħa l-oħra ma naqsux fi żmien Mons. Scicluna l-ġrajjiet ta' niket u ta' inkwiet. Kien hawn inkwiet kbir fost il-poplu minħabba t-taxxi ġodda fuq il-qamħ, u, bħala konsegwenza tal-gwerra bejn l-Ingilterra u l-Eġittu, Malta rat iżjed minn 6,000 refuġjat — minn trabi tat-twelid sa xjuħ ta' 90 sena — li ġew jistkennu fiha bil-ġuħ, bla kenn u mingħajr ħwejjeġ.

### MERTI U PREMJI

Fil-kwistjoni tal-lingwa, huwa wera x-xewqa tiegħu għat-tixrid ta' l-edukazzjoni fost il-poplu u l-importanza tat-tagħlim ta' l-Ingliż fl-iskejjel u fl-Università'. Għal din l-edukazzjoni huwa ried ukoll li jgħin mill-flus tal-Knisja. L-Isqof Scicluna kien bniedem ġeneruż ħafna.

Il-Papa għaraf il-merti kbar ta' dan l-Isqof Malti u, barra milli bis-setgħa tal-veskovat, għoġbu jżejnu bi prelatura domestika, għamlu Assistent għat-Tron tiegħu u offrilu t-titlu ta' Konti ta' Ruma.

Għaxar snin wara li beda jmexxi d-Djoċesi ta' Malta, jiġifieri meta kellu mal-85 sena, Mons. Scicluna ħass il-ħtieġa ta' għajnuna f'dik it-tmexxija. Għalhekk, is-Santa Sede għażlet bħala Amministratur tad-Djoċesi lill-Mons. Antonju Buhagiar, Patri Kappuċċin, Isqof Titulari ta' Ruspe.

Tliet snin wara, fit-12 ta' Lulju 1888, l-Isqof Scicluna miet. Il-funeral sarlu fit-18 tax-xahar. Wara li kien espost għal 6 ijiem fil-Palazz tal-Belt, il-katavru ttieħed fil-Knisja ta' San Gwann bi proċessjoni li fiha ħadu sehem fratellanzi, kleru sekulari u reliġjuż, kapitoli tal-Kolleġġjati u dak tal-Kattidral.

Għaddew minn Triq l-Arċisqof, Triq Irjali, Triq Nofsinhar, Triq Merkanti, għal Pjazza San Gwann. Tmien qassisin refgħu l-katavru u 24 seminarista,

(Ikompli f'paġna 11)

(Ikompli minn paġna 7)

12 kull naħa, imxew madwaru bit-torċi f'idhom. Warajhom inġarru, fuq imħadda tal-bellus iswed, l-insinji veskovili: mitra, salib pettorali u ħaklu żarmat.

Hadu sehem ukoll il-familjari, ir-Rappreżentanti ta' l-Awtoritajiet il-kbar ta' Malta. Tqaddset quddiesa solenni mill-Amministratur Apostoliku, Mons. Anton Buhagiar; u għamel l-orazzjoni funebri Mons. Salvatore Grech, oratur magħruf ta' dak iż-żmien. L-Militar spara 19-il tir ta' kanun b'turija ta' rispett lejn il-mejjet.

Wara nofs inhar, il-

# Fl-ixkora tal-Posta

kadavru ttieħed il-Kattidral fejn ġie midfun, ħdejn il-predeċessuri tiegħu. In-nies ħadet sehem fil-funeral għaliex il-Gvern dakinhar ried li ssir vaganza pubblika.

Meta tmorru l-Kattidral tinsewx tfittxu u taraw il-monument f'wieħed mill-pilastri tal-Isqof Scicluna qiegħed jgħallem lill-poplu.

--Rairpwl . .

Fit-30 ta' Marzu il-Papa għoġbu jibgħat lill-Isqof magħżul Bolla oħra, l biha taħ il-Palju Arċiveskovili. Għal min ma jafx, il-palju huwa strixxa tas-suf abjad, b'pendent quddiem u ieħor wara, u sitt islaleb suwed minsuġin go fih, li l-Papa u l-Arċisqfijiet jilbsu b'sinjal ta' setgħa. F'l-1ta' April, Mons. Salvatur Konti Manduca Piscopo Macedonia ħa 'l-pussess minn floku.

Din tal-pussess kienet drawwa qadima, li biha ekklezjastiku magħruf f'Malta kien jieħu l-pussess veskovili flok l-Isqof magħżul, li kien ikun għadu ma wasalx fid-djoċesi tiegħu. Din id-drawwa għadha sejra sal-lum, avolja l-Isqof magħżul ikun Malta.

Il-konsagrazzjoni tal-Isqof il-ġdid kellha ssir il-Ħadd, 11 ta' April, fil-knisja konkatedrali ta' San Gwann, il-Belt. Jiktbu l-ġurnali ta' dak iż-żmien li dak inhar fis-7 ta' fi għodu bdiet dik il-funzjoni rari u sabiħa. San Gwann kien mimli bin-nies, u nies oħra kienu qed jiffullaw fit-triqat ta' madwar. Fil-knisja, barra il-Kapitlu tal-Kattidral u għadd kbir ta' qassisin u patrijiet, kien hemm Sir Charles Van Straubenzee, il-Gvernatur tant maħbub mill-Maltin, u Lady Straubenzee, il-Membri tal-Kunsill tal-Gvern, l-Imħallfin, l-Ammirall tal-Flotta Ingliża u kbarat oħra Ċivili.

L-Isqfijiet li ordnaw lill-Isqof kienu Mons. F. Converti, Arċisqof ta' Reggia Calabria, Mons. Basile, Isqof ta' Geraci, u Mons. Ant. Grech Delicata, Isqof ta' Għawdex.

Wara l-funzjoni, li damet sal-10.00 a.m. in-nies entużjażmati, qalgħu iż-żwiemel mill-karrozza tal-Isqof u ġarrewh f'dimostrazzjoni kbira għall-Palazz tiegħu.

Kif kien xieraq, Mons. Scicluna ta pranzu sabiħ u stieden għalih lill-Gvernatur, lil l-Isqfijiet Konsagranti, lill-Kanonċi tal-Kattidral, lill-Arċiprieti tal-Kolleġġjati u nies oħra. F'dak il-pranzu saru tliet brindisijiet (toasts) wieħed għar-Reġina Vittorja, ieħor għall-Papa u t-tielet għall-Isqof il-ġdid.

Dakinhar filgħaxija kien hemm mixgħela kbira fil-Belt u fost il-postijiet mixgħula kien hemm il-Palazz tal-Gvernatur (ma kienux żmenijiet ta' sekolarizazzjoni tal-Istat bħ il-ħabta!). Dik kienet l-ewwel darba fi żmien l-Ingliżi li nxtegħel il-Palazz f'okkażjoni bħal dik.

Il-"Portafoglio Maltese" kiteb nota ta' tifħir lill-Gvernatur għall-imġieba sabiħa tiegħu f'dik l-okkażjoni. Is-"Soċjeta' Promotrice Cattolica Maltese" rringrazzjatu pubblikament għall-armonija u l-paċi li kien hemm bejn l-Istat u l-poplu fi żmienu.

Fis-7 ta' Gunju — din id-data tirrikorri spiss fl-Istorja ta' Malta — l-Isqof Scicluna daħal sollennement ġol-Knisja Katedrali tal-Imdina. Kif soltu jsir, l-Isqof il-ġdid tela', imsellem mill-poplu, mill-Palazz tiegħu tal-Belt għal Kunvent tad-Duminkani fir-Rabat. Hemmhekk għadda l-lejl u l-għada filgħodu telaq għall-Kattidral. Fil-Bieb tal-Imdina intramat kappella apposta, biex fiha l-Isqof jilbes pontifikalment. Taħt Ark Trijonfali, mwaqqaf fid-dħul tal-Imdina, is-Seminarista Fornat Debono qralu ndirizz, u wara l-Isqof għamel id-daħla tiegħu sollenni fil-Katidral tiegħu, fejn kienu jistennewh għadd kbir ta' nies, mill-kbarat u mill-poplu.